**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta’ Ottubru, 2018

Rikors Nru : 194/18 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u l-intimat u l-intimat izzewwgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu tal-elf disgha mija u tmenin (1980) – Dok. A

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal L u D li llum huma maggorenni u X li twieled fit-tmintax (18) ta’ Lulju elfejn u erbgha (2004).

3. Illi l-partijiet isseparaw legalmenti b'mod konsenswali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) redatt min-Nutar Dr. Maria Briffa (Dokument B)

4. Illi l-esponenti u l-intimat qablu illi jirrinunzjaw reciprokament mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin skont klawsola 5 tal-kuntratt tas-separazzjoni.

5. Illi l-esponenti dejjem irceviet il-hlas ta' manteniment minghand l-intimat a favur ta' ibnu Liam skont klawsola 6d, liema manteniment dejjem jithallas fil-hin.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat fid-29 ta' Marzu 1980 bejn il-partijiet;
(ii) Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg relattiv;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Gunju 2018;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Dicembru 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.